# IL-FESTA TAL-ĦOBŻ AŻŻMU (L-IKLA TA’ L-GĦID) U L-IKLA TAL-MULEJ

George Ebejer

## Xebħ:

| | |
|---|---|
| 1. Ikla ta’ tifkira (Eż. 12:14; Dt. 16:3). | 1. Ikla ta’ tifkira (1 Kor. 11:24, 25). |
| 2. B’tifkira ta’ dak li għamel Alla (Eż. 12:23, 24). | 2. B’tifkira ta’ dak li għamel Ġesù Matt. 26:26-28). |
| 3. B’tifkira tal-ħelsien mill-jasar fl-Eġittu (Eżodu 12:13, 14). | 3. F’tifkira tal-ħelsien mill-jasar għad-Dnub (Matt. 26:28; Ġwanni 8:31, 32; Rum. 6:17, 18). |
| 4. Ħaruf bla difett (Eżodu 12:5). | 4. Iben ta’ Alla bla tebgħa (1 Pt. 1:19; irriferut għalih bħala ħaruf; Ġwanni 1:29). |
| 5. Alla baqa’ għaddej minħabba d-demm tal-ħaruf (Eż. 12:13, 23). | 5. Alla baqa’ għaddej fuq id-dnub min-ħabba d-demm ta’ Ġesù (Matt. 26:28) |
| 6. Demm ta’ l-annimali kien neċes-sarju biex kienu jistgħu jgħixu (Eż. 12:13, 23). | 6. Demm ta’ Ġesù huwa meħtieġ għall-ħajja (Ġwanni 6:54). |
| 7. Ebda għadma ma kienet miksura (Eż. 12:46). | 7. Ebda għadma ma kienet miksura Ġwanni 19:32, 33). |
| 8. Ħaruf ma qatilx lilu nnifsu (Eż 12:21). | 8. Ġesù ma qatilx Lilu Nnifsu (Atti 2: 23). |
| 9. Il-ħaruf jissottometti lilu nnifsu bil-kwiet. | 9. Ġesù ssottometta Lilu Nnifsu bil-kwiet (Atti 8:32). |
| 10. Il-ħelsien kien minħabba l-imħabba ta’ Alla (Hosegħa 11:1). | 10. Il-ħelsien kien minħabba l-imħabba ta’ Alla (Rumani 5:8). |
| 11. Kienet mikula minn grupp ta’ nies (Eżodu 12:4, 5). | 11. Hija mikula minn grupp ta’ nies (1 Korintin 11:33). |
| 12. Ċelebrazzjoni speċjlament għall-poplu ta’ Alla (Eż. 12:43, 48). | 12. Qsim speċjalment għall-poplu, il-ġisem ta’ Kristu (1 Kor. 10:16, 17). |
| 13. Kellha titkompla biex tkun osservata (Eżodu 12:24). | 13. Għandha tkompli tkun osservata (1 Korintin 11:26). |
| 14. Osservata f’jum magħżul (Eż. 3:10; Dewteronomju 16:1, 2). | 14. Osservata f’jum magħżul (Atti 20:7) |

## Differenzi:

| | |
|---|---|
| 1. L-Ikla ta’ l-Għid kienet restritta għall-gruppi tal-familja (Eżodu 12:3). | 1. L-Ikla tal-Mulej hija għall-ġisem Kollu ta’ emmiena lokali (1 Kor. 10:16). |
| 2. Kull familja kienet toqtol ħaruf; b’hekk ħafna annimali kienu maqtula u mikula Kull darba li l-ikla kienet osservata Eż. 12:3). | 2. Billi offra sagrifiċċju wieħed, Ġesù miet darba għal dejjem (Lhud 7:27; 9:24-28; 10:10, 12, 14). |
| 3. Id-demm tal-ħaruf kien meħud mill-poplu ta’ Alla u mqiegħed fuq il-blata Tal-bieb (Eżodu 12:7, 21, 22). | 3. Barrani, suldat Ruman, xerred id-demm ta’ Ġesù (Ġwanni 19:34). |

4. Il-Lhud qatlu u kielu fiżikament il-ħaruf ta’ l-Għid (Eżodu 12:8).

4. Aħna ma niklux lil Ġesù, il-Ħaruf (Ġwanni 1:29). Aħna nieklu spiritwalment Minnu billi nieħdu l-ħobż u l-inbid b’tifkira Tiegħu (1 Korintin 11:23-25).

5. L-Ikla ta’ l-Għid ħarset biss lura (Eżodu 12:14).

5. L-Ikla tal-Mulej tħares kemm lura Għall-mewt ta’ Ġesù (1 Kor. 11: 23-35) u ’l quddiem għall-miġja Tiegħu lura (1 Kor. 11:26).

6. Ebda xogħol ma kellu jsir fl-ewwel u fl-aħħar jiem tal-festa (Eż. 12:16; Dewt. 16: 8).

6. Xejn ma jintqal dwar waqfien mix-xogħol fil-jum li fih hija osservata l-Ikla tal-Mulej.

7. Id-demm tal-ħaruf ma serva l-ebda skop ieħor ħlief dak ta’ simbolu fuq il-blata tal-bieb. Alla jara d-demm u jibqa’ għaddej u ma joqtolx lil l-ewwel iben (Eżodu 12:23).

7. Id-demm ta’ Ġesù mhuwiex biss għall-ħelsien mid-dnub imma wkoll għad-dedikazzjoni tal-patt il-ġdid (Mattew 26:28).

8. L-Ikla ta’ l-Għid kienet f’tifkira ta’ l-att ta’ Alla, mhux tal-mewt ta’ l-annimal (Eżodu 12:23, 24, 42).

8. L-Ikla tal-Mulej hija f’tifkira tal-Wieħed li miet għalina (1 Kor. 11:23-25).

9. L-Ikla ta’ l-Għid kellha tkun osservata fil-post magħżul minn Alla (Dewt. 16:5, 6).

9. Ebda restirzzjonijiet ma kienu Mogħtija dwar fejn l-Ikla tal-Mulej kellha tkun osservata.

10. L-Ikla ta’ l-Għid kienet osservata biss darba fis-sena għall-ġimgħa sħiħa (Dewt. 16:8).

10. L-Ikla tal-Mulej għandha tkun Osservata fuq l-ewwel jum ta’ Kull ġimgħa (Atti 20:7).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta’ Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com